-------- Original message --------
From: Nicholas Briffa
Date: 06/12/2014 18:12 (GMT+01:00)
To: Dalli Helena at MSDC
Cc: Mario Gerada
Subject: White Paper - Identita' tal-ġeneru - Suġġerimenti

Għażiża Onor. Ministru Dalli,

Filwaqt li nittama li tinsab tajba, nintroduċi lili nnifsi bħala Nicholas Briffa, psikologu li qiegħed nispeċjalizza bħala sesswologu. Qed ninkludi f'dan l-imejl lis-Sur Mario Gerada, membru ta' DRACHMA LGBT, kollega u ħabib personali, li jaħdem bla waqfien għall-ġid tal-komunita' LGBTIQ f'pajjiżna. Hu mmotivani nikteb din l-imejl.

Qed niktiblek għax nixtieq ngħaddi kummenti posittivi u anke xi suġġerimenti fuq il-white paper li għadha kif ħarġet. Nemmen li dawn ir-regolamenti l-ġodda se jkunu sors ta' dawl għal ħafna ndividwi li jispiċċaw jgħixu s-sesswalita' tagħhom fil-mistur u fit-tbatija, jew jippreżentaw identita' sesswali li ma tilħaqx il-milja ta' dak li hemm fil-fond ta' qalbhom.

Fi snin ta' studju u prattika klinika tiegħi f'Ruma u f'Padova fost l-oħrajn u anke mill-esperjenza klinika f'Malta iltqajt ma' ħafna nies li għaddew jew għaddejjin min dawn l-esperjenzi u nħoss li għandi naqsam dawn i-suġġerimenti miegħek għan-nom tal-ġid tagħhom ukoll. Liġi bħal din iħoss li kienet pass importantissimu biss nemmen li waħidha mhux se tilħaq l-għanijiet ħolistiċi tagħha. Bħal ma jgħallmuna l-Psikoloġiċi u l-Antropoloġiċi, it-tieni pass wara din il-liġi għandu jkun programm ta' għarfien mhux biss fl-iskejjel imma aktar u aktar fil-familji.

Ir-riċerka sesswali tar-riċerkatur Kirby (2009) hija ċara u tghid li l-*comprehensive sex education* hija iżjed effettiva ġewwa l-kuntest familjari. Iżjed minn hekk it-tfal jippreferu jitgħallmu dwar is-sesswalita' mingħand il-familjari tagħhom. Ukoll, ħafna nies ġewwa pajjiżna għadhom ma jafux xi tfisser il-kelma *transgender* u *intersex*, u saħansitra lanqas id-differenza bejn it-terminu ġeneru u sess. Nħoss ukoll il-bżonn li noħolqu servizzi psiko-seswoloġiċi fejn dawn l-individwi jistgħu jirċievu psikoterapija speċjalizzata u mmexxijja minn nies imħarrga biex b'hekk it-tbatija psikoloġika tkun mnaqqsa.

Jekk tkun tixtieq tiċċara xi punti jew issaqsi għal-aktar informazzjoni f'dan ir-rigward, nistidnek tibgħatli lura jew tikkuntattjani fuq 79259867 jew fuq l-imejl nicholasbriffa@gmail.com.

Nħeġġek taqra dawn iż-żewġ artikli edukattivi, li huma gwida edukattiv li nistgħu nibdew minnu
( **http://www.illum.com.mt/opinjoni/blogs/38914/dak_p_bilpedigree#.VIMUcTHF-Dg**
u **http://www.illum.com.mt/opinjoni/blogs/39332/ileneru_u_ssess__ittransesswalit_filajja_tagna#.VIM3WjHF-Dg** ) .

Għal darb'oħra nirringrazzjak tax-xogħol tiegħek Onor. Ministru. Dalli.

Tislijiet,

Nicholas.

Dr. Nicholas Briffa. B. Psy (Hons.) (Melit). Dott. Psicol. Clin (Padova).
Clinical Psychologist, Trainee Sexologist (Institute of Clinical Sexology, La Sapienza, Rome)

Member of the European Federation of Sexology's Youth Committee

EFS
EUROPEAN FEDERATION OF
SEXOLOGY